MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 83/2012

Richard Cassar
vs
Henry Seddon

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi r-rikorrenti jiggestixxi negozju maghruf bl-isem *Waterworld Watersports Center*, gewwa l-Qawra, u l-attivita` kummercjali principali ezercitata minnu tikkonsisti fil-kiri ta' *jet skis* u opri ohra tal-bahar lill-klijenti, ghal hin determinat u versu prezz pre-stabbilit; u

2. Illi fit-2 ta' Awissu, 2011, l-intimat kera *jet ski* tal-marka *Yamaha* bin-numru ta' registrazzjoni S 18128 minghand ir-rikorrent, u waqt illi dan il-*jet ski* kien qed jintuza u jigi operat mill-intimat, safa involut f'incident fil-

bahar fil-Qawra stess, fl-inhawi maghrufa bhala “Ghallis Point”; u

3. Illi dan l-incident sehh konsegwenza ta’ negligenza u traskuragni fis-sewqan da parti ta’ l-intimat, partikolarment ladarba l-intimat kien gie avzat sabiex jevita dawk l-inhawi partikolari fejn sehh l-incident, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

4. Illi konsegwenza ta’ dan l-incident fuq il-bahar, il-*jet ski* li kien qed jintuza mill-intimat garrab hsarat estensivi, u gie dikjarat *beyond economic repair,* u dan kif jirrizulta minn *survey report* mehmuz mar-rikors guramentat; u

5. Illi oltre l-fatt illi r-rikorrenti ser ikun kostrett illi jakkwista *jet ski* iehor, sofra wkoll telf ta’ uzu ta’ dan il-*jet ski* – u konsegwentement telf ta’ dhul u introjtu mill-kiri ta’ dan il-*jet ski* – ghall-kumplament ta’ l-istagun tas-Sajf, u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

6. Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimat baqa’ inadempjenti;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-bahar fit-2 ta’ Awissu, 2011 fl-inhawi maghrufa bhala “Ghallis Point” il-Qawra, waqt illi hu kien qed juza u jsuq il-*jet ski* tal-marka *Yamaha*, bin-numru ta’ registrazzjoni S 18128, proprjeta` tar-rikorrent.

2. Tiddikjara li konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur rikorrenti sofra danni, konsistenti fil-valur tal-*jet-ski* proprjeta` ta’ l-attur rikorrenti, li gie dikjarat *beyond economic repair*, oltre danni ohra konsistenti f’telf ta’ uzu u introjtu mill-kera ta’ dan il-*jet ski* lil terzi.

3. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, id-danni hekk sofferti mir-rikorrenti.

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-attur rikorrenti s-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra interpellatorja datata 9 ta' Novembru, 2011, u bl-imghax mid-data tal-incident, u cioe` t-2 ta' Awissu, 2011, kontra l-initimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Rat li r-rikorrent fis-26 ta' Jannar, 2012 ipprezenta rikors biex l-intimat jigi notifikat fl-indirizz barra minn Malta, liema talba giet milqugha. Ghalhekk in-notifika kellha ssir a tenur tar-*Regulation* (EC) No. 1393/2007.

Minn fol 32 *et* jirizulta li n-notifika saret. Illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk baqa' kontumaci.

**B. PROVI:**

Xehed ir-rikorrent <u>Richard Cassar</u> u kkonferma l-kontenut kollu ta' l-affidavit u d-dokumenti prezentati.

Minn dawn jirrizulta li matul is-sajf ghandu negozju ta' *Waterworld Watersports Centre* fil-Qawra fejn jikri *jet skis* u *boats* bi prezz u rati stabbiliti. Fl-2011 ir-rata kienet €35 ghal rikba ta' 15-il minuta u €60 ghal rikba ta' nofs siegha. Fit-2 ta' Awissu, 2011 l-intimat mar biex jikri *jet ski*. Kienu ftiehmu fuq il-kundizzjonijiet u l-intimat hallielu l-*British Driving License* u mela l-formola ta' *disclaimer*. Ghaddielu kopja tar-*riding instruction manual* preparat mill-*jet ski manufacturer*. Tah spjega wkoll, *life jacket* I l-*jet ski* S18128. Indikalu l-post fejn ghandu juza l-*jet ski* u ndikalu l-velocita` li jista' juza.

Ftit wara li kien hareg l-intimat habat gol-blat fil-ftuh tal-bajja ossija Ghallies Point. Mill-ewwel tela' b'*boat* ohra ma impjegat tieghu izda sadanittant l-intimat irnexxielu li jsuq lura. Tellghu l-*jet ski* fuq *trailer*. Tkellem mal-Pulizija tal-Qawra biex jaghmel rapport u qalulu jkellem lin-Naxxar *Police Station* li qalulu li jrid isir rapport personali u ghalhekk marret ohtu Ruth Spiteri fl-imkien mal-intimat. Wara l-intimat mar l-isptar minhabba li kellu grif u ugiegh. L-intimat ghall-ewwel kien qallu li kienet mewga li qalbithom, u wara problema ta' i*steering*, izda fl-ahhar ammetta li kienu "fooling around and tried getting close to shore to attract attention of some bathers on the beach". L-intimat accertah li sejjer ihallas tal-hsarat.

Is-Sales Manager ta' Gasan Enterprises, Neil Falzon, iddikjaralu li l-*hull* ma setghux jissewwa, u dan gie konfermat ukoll in segwitu mill-manifattur permezz ta' email li giet esebita. Sadanittant gab stima izda meta ghaddieha lill-intimat qallu li ma kellux dan l-ammont izda mar-ritorn tieghu fir-Renju Unit jissellef il-flus u jhallas. L-intimat irrifjuta li jiffirma dikjarazzjonijiet li ser ihallas. L-intimat telaq minn Malta minghajr ma ta ebda garanzija. Cempillu ripetutament izda rnexxielu jkellmu darba. Gab rapport ta' *Marine Surveyor* li esebieh u minn dan irrizulta li l-*jet ski* kien *beyond economical repair* u tah *scrappage value* ta' €3,500. Hu rnexxielu jbieghu €2,000.

Id-danni jikkonsistu fir-*replacement* b'wiehed gdid. Il-wiehed fejn gratlu l-hsara kien mixtri sentejn qabel l-incident u ghalhekk kien ghadu f'kundizzjoni mill-ahjar. Prezz ta' *jet ski* gdid huwa €12,500 u ghalhekk talab l-ammont ta' €10,500. Stqarr li ghalkemm kellu polza ta' assikurazzjoni dan it-tip ta' incident mhux kopert izda biss *coverage* ghal *third party loss and damage*. Talab ukoll loss of earning mill-kiri tal-*jet ski* ghall-bqija tax-xhur tas-sajf. L-awditur tieghu hadimlu dan bhala somma ta' €4,800 bil-mod kif spjegat, u ghalhekk fit-total kien qed jitlob €15,300.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

A tenur ta' l-artikolu 1031 tal-Kap 16 kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu. Kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza, u hsieb ta' missier tajjen tal-familja jitqies fi htija skond l-artikolu 1032. Huwa ovvju li bl-agir tieghu l-intimat irrenda ruhu responsabbli ghall-hsarat li kkawza lir-rikorrent. Il-Qorti kellha biss il-provi tar-rikorrenti ghax l-intimat ghazel li ma jidhirx u ma jqabbadx min jirrapprezentah f'din il-kawza. Izda xorta wahda r-regoli ta' kif jitqiesu d-danni ghandhom jigu ippruvati u applikati anke fil-kaz ta' kontumacja.

Ir-rikorrent qed jitlob is-somma ta' €15,300. Dan hu bazat fuq l-ammont ta' *jet ski* gdid li jiswa €12,500 li minnu naqqas l-ammont ta' €2,000 li skond hu biegh bhala *srappage* lil terza persuna oltre li talab €4,800 telf ta' qligh. Il-Qorti irriflettiet dwar dan u certament li ma tistax tilqa' t-talba bazata fuq €12,500 meta l-*jet ski* kien ilu jintuza sentejn u ghalhekk certament li kellu deprezzament li fil-kaz ta' *jet ski* jammonta ghal €2,500. Irrizulta wkoll li r-rikorrent biegh ghal *scrappage value* ghall-ammont ta' €2,000 izda fil-fehma tal-Qorti dan ukoll mhux gustifikat meta l-*Marine Surveyor* stmah €3,500 u mhux disposta li tnaqqas biss €2,000 izda minn ta' l-inqas €2,800 meta ghandha stima ta' *Marine Surveyor* li tghid €3,500. Dan iwassal il-valur tal-*jet ski* ghal €7,200.

Dwar it-telf ta' qligh, sfortunatament ir-rikorrent m'ghazilx li jipproduci l-ahjar prova ghar-ragunijiet tieghu. Fil-Kap 12 art 559 hemm specifikament stipulat li l-Qorti ghandha tordna li ssirilha l-ahjar prova. L-ahjar prova hija li r-rikorent kellu jesebixxi l-*income tax return* tas-sena precedenti izda ghal xi raguni din m'ghamilhiex. Ma tarax il-kalkolu maghmul fil-paragrafu 18 ta' l-affidavit tant zbaljat bhala dhul, izda mill-imsemmi dhul ma tnaqqas xejn ta' spejjez, ta' petrol/*diesel*, zejt u *maintenance* u l-Qorti thoss li ghandha tnaqqas €1,800 bhala spejjez b'mod li jifdal €3,000 ta' telf ta' qligh.

Illi r-rikorrent talab ukoll l-imghax mid-data ta' l-incident u cioe` mit-2 ta' Awissu, 2011. Il-Qorti qed tirriproduci silta mis-sentenza moghtija minnha kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat**

**vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS) fejn inhad:
“Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f’hemm ma jkunx jista’ jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f’ dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista’ tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech *ed altri*** (9 ta’ April, 1877) fejn il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:
“.............*il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione*.............”

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli *noe*** (18 ta’ Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
“*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*”.

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta’ Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali *noe*** (12 ta’ Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta’ l-Appell qatghet illi:
“*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione*”.

**Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt *noe*** (24 ta’ Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta’ l-Appell ghal darb’ohra qatghet illi:
“ ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni”.

**Maria Ellul Bonnici *et* vs Felice Mercieca *et noe*** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:
"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Dicembru, 1991):
"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

**Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.

Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:
"Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.
***Omissis***
B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-

principipju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:
"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b'referenza ghal *in illiquidis non fit mora* inghad:
"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (*Teoria Obbligaz* Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 **Schembri vs Dr. L. Buhagiar** 28/2/1997.

Ghalhekk il-principju generali hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita'

li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu."

**D: KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk issib it-talba tar-rikorrent gustifikata, tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident.

Tiddikjara li konsegwenza ta' l-incident ir-rikorrent sofra danni kif fuq spjegat fl-ammont ta' €7,200 fil-*jet ski* u €3,000 f'telf ta' qligh f'ammont totali ta' €10,200.

Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma hawn fuq likwidata.

Bl-ispejjes kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------